# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 73

15 ta' Jannar 2024

It-tlieta u sebgħin (73) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2024 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

73.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

73.1.1. Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

73.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

73.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-tnejn u sebgħin (72) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

73.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, SSH, VB, AD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

73.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 72.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-Fosos. Is-SE qal li kien hemm aġġornament li kien ser jiġi preżentat fil-korrispondenza u għalhekk din il-materja għandha tiġi diskussa f'materja nru 73.3.

73.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 72.2.5 rigward il-fanali ornamentali u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Il-Viċi Sindku AD qal li wara li ndaga, dawn kienu nstabu f'maħżen u qed jistenna biex jingħata l-go ahead sabiex ikun jista' jagħmel il-paperwork neċessarju biex dawn il-fanali jkunu jistgħu jinħarġu.

73.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 72.2.6 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li kien infurmat li l-Kunsill għandu jirċievi risposta dalwaqt.

73.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 72.2.7 rigward it-tabelli ta' Triq Nazzjonali u Triq Sant'Anna u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li skont il-korrispondenza li kellu, id-disinji kienu ġew approvati però sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

73.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 72.2.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward id-dwal bejn il-Grand Hotel Excelsior u l-Hotel Phoenicia. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet staqsiet diversi entitajiet bħall-Enemalta, GHRC, il-Cleansing u anke lil tar-restawr biss jidher li ma kienu jappartjenu lill-ebda minn dawn l-entitajiet.

73.2.7.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet informata mill-Ministeru tal-Ministru Bonnici li kienu tkellmu mal-Viċi Sindku u li għandu jitkellem hu mal-Enemalta. Il-Viċi Sindku qal li ma jafx li tkellem ma' xi ħadd mill-Ministeru,

jew jekk iva, il-persuna ma kienitx identifikat ruħha. Huwa kompla billi qal li għandu jieħu ħsieb jitkellem mas-sezzjoni tad-dawl tat-toroq sabiex jara x'jista' jsir.

73.2.7.2. Il-Kunsillier JAE qal li fl-aħħar laqgħa kien ġie diskuss ukoll li jkun hemm rifletturi mal-art u staqsa jekk il-Kunsill jistax jibda' bihom ħalli tal-anqas ikun hemm indikazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Nota: 17:17 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**17:18 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**

73.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 72.2.10 rigward it-tabelli tal-iscooters fi Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta minn Ambjent Malta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

73.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 72.4.2 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-marki li hemm mas-siġar tal-Masġar tal-Ġublew. Is-SE qal li sa dakinhar ma kellux informazzjoni fuq x'inhuma u min għamilhom.

73.2.9.1. Il-Viċi Sindku AD qal li la l-marki huma ħomor, ġeneralment ikunu saru mill-Water Services Corporation.

73.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 72.4.9 rigward il-Wifi taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE spjega li finalment kien instab min hu responsabbli u li kien ħa ħsieb jikkuntattjah sabiex jiġi jara.

73.2.11. Is-Sindku VB nforma li ma kienx hemm internet biex jintuża mil-live webcams ta' Triq Sant'Anna. Is-SE qal li wisq probabbli din il-ħsara rriżultat mil-fatt li kien inbidel il-modem. Huwa kompla billi qal li għandu jiġi konfermat li hemm l-internet ħalli jekk ikun kollox sew, ikun jista' jikkomunika mal-kuntrattur sabiex ikun jista' jerġa' jiġi ssettjat il-live-streaming.

73.2.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-fanal ta' ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini u staqsiet kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li s-Surġent kien informah li ma kienx jaf bir-rapport li kien sar u kien talbu d-dettalji biex jaraw min kien li għamel ir-rapport. Għalhekk is-SE talab li jekk il-kunsilliera għandhom xi informazzjoni, ifittxu jgħadduhilu ħalli jkun jista' jgħaddi d-dettalji lis-Surġent.

73.2.12.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk jistax jirranġa l-arblu l-Kunsill. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li jagħmel rifletturi għalissa sakemm tiġi riżolta s-sitwazzjoni.

73.2.13. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-bankijiet ta' taħt il-Forka u staqsiet hekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE nforma li kien ser jordna l-bankijiet mingħand kuntrattur ieħor minħabba li l-kuntrattur li oriġinarjament kellu jipprovdihom, kien baqa' ma ġabhomx.

73.2.14. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-isleeping policeman ta' Triq il-Konservatorju. Is-SE nforma li kien bagħat lill-Perit ta' Infrastructure Malta . Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jkellem lill-Perit.

73.2.15. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għas-sinjal bl-isfar fi Triq Sir Luigi Preziosi u staqsiet jekk kienx hemm risposta. Is-SE qal li r-responsabbiltà kienet tal-istess perit imsemmi fil-materja ta' qabel u qal li fuq din, kien għad m'hemmx risposta lanqas. Is-Sindku qal li għandu jerġa' jkellem lill-Perit.

## 73.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

73.3.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-attività ta' St Patrick's Day. Huwa qal li kien iltaqa' ma' xi rappreżentanti tal-Floriana Ajax rigward dan u matul din il-laqgħa kien ġie diskuss il-kontribut tagħhom għall-attività fejn ipproponew li nofs il-qliegħ jingħata lill-Kunsill filwaqt li jieħdu ħsieb iħallsu l-ispiża tal-Pulizija u l-mobile toilets.

73.3.1.1. Is-SE qal li l-Kunsill ma jistax jagħmel profitt jew qliegħ. Apparti minn hekk, huwa diffiċli li wieħed jikkwantifika s-sehem li jkun irid jingħata.

73.3.1.2. Wara li kompla jiddiskuti, il-Kunsill qabel fil-prinċipju bil-kundizzjoni li l-attività ssir b'format differenti mis-snin passati partikularment mis-sena ta' qabel u li tkun orjentata għall-familji.

73.3.1.3. Il-Kunsill qabel li l-attività ssir nhar il-Ħadd 10 ta' Marzu 2024.

73.3.1.4. Is-SE ppropona li fil-jiem li ġejjin issir laqgħa ta' tfassil fejn il-kumitat jintalab jipprovdi programm li jiġi diskuss flimkien mal-Kunsill matul din il-laqgħa.

73.3.1.5. Is-Sindku qal li hemm il-fond tar-Reġjun Port li l-Kunsill jista' jagħmel użu minnu biex iħallas lill-Pulizija.

73.3.2. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Perit Ivan Zammit fejn issuġġerew li jitwaħħlu total ta' sittax-il charging pillars fuq tnejn u tletin spazju ta' parkeġġ għall-vetturi elettriċi fi Triq Vincenzo Dimech u fi Triq il-Foss Notre Dame.

73.3.2.1. Il-Kunsillier JAE qal li filwaqt li dan kien il-futur, wieħed irid iwieġeb għad-domanda li teżisti bħalissa.

73.3.2.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li nistennew aktar informazzjoni dwar dan mill-entità konċernata.

73.3.3. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand l-Irish Prison Service Pipe Band. Wara li ddiskuta l-proposta, il-Kunsill ma qabilx li jilqa' l-offerta tagħhom.

73.3.4. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand eclaslo fejn talbu li jiġi rilokat il-parkeġġ riservat li għandhom. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-ispazju ta' parkeġġ jiġi rilokat fi Triq San Franġisk.

73.3.5. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand Rota Rota fejn talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill biex tinġabar informazzjoni fuq il-mobbiltà fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li l-kameras jitwaħħlu bejn Bieb il-Bombi u t-traffic lights.

73.3.6. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Ġewwa fejn ipproponew li ssir ħarġa għal Għawdex b'mod konġunt nhar is-26 ta' Jannar 2024. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jieħu ħsieb jiffinanzja t-trasport bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

73.3.7. Is-Sindku VB ressaq risposta mingħand il-Ministru Owen Bonnici fejn ikkonferma li l-Ministeru tiegħu ma kienx responsabbli mil-Fosos. Minkejja dan offra l-għajnuna tad-Dipartiment tar-Restawr f'każ li l-Kunsill ikollu bżonn.

73.3.7.1. Is-SE għamel riferenza għal-laqgħa riċenti li kellu mad-DĠ ta-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mal-Assistenti Diretturi dwar il-kwistjoni tal-Fosos.

73.3.7.2. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill irid ikun kawt f'kemm jista' jitlob ħlas għall-użu tal-Fosos kif ukoll jara jekk hux ser ikun biżżejjed il-ħlas li jkun qed jintalab f'każ li jsiru affarijiet ħżiena. Huwa qal li l-Kunsill irid l-attivitajiet iżda ma jridx li ssir ħsara għax it-tiswija tħalli marka.

73.3.7.3. Is-SE qal li d-Dipartiment huwa konxju li l-miżata hija ridikola u li hemm bżonn li tiġi riveduta. Huwa kompla billi qal li l-lokalitajiet ma jistgħux jiġu trattati l-istess għax wieħed ma jistax iqabbel lokalità m'oħra.

73.3.7.4. Il-Kunsillier JAE qal li jibqa' l-fatt li l-Fosos huwa wkoll wirt nazzjonali u għalhekk ma jistax jiġi trattat bħal carpark fejn ikun hemm tarmak, eċċ.

73.3.7.5. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill jistax jitkellem mal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi. Il-Kunsill qabel li jikkuntattja lill-Ministru.

73.3.8. Is-Sindku ressaq suġġeriment mingħand is-SE biex tiżdied mal-lista ta' kundizzjonijiet għall-attivitajiet il-kundizzjoni li l-ħlasijiet relatati ma' materjal u permessi għandhom jitħallsu minn qabel ma joħroġ il-permess. Is-SE kjarifika li ħlas permezz ta' invoice jiġi permess biss f'każ li l-affarijiet jinbidlu wara li jitħallsu l-permessi oriġinali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

73.3.8.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jikkonsulta mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jara jekk il-Kunsill għandux is-setgħa li jagħmel tali kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsulta.

73.3.8.2. Is-Sindku VB staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta rigward il-materja tal-Kurja. Is-SE nforma li kien reġa' bagħatilhom iżda ma kienx hemm risposta.

73.3.8.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hux lok li l-Kunsill jistaqsi lill-organizzaturi tas-soltu x'għandhom pjanat u li jekk hemm min għadu ma ħallasx, tinġibed l-attenzjoni ta' dak li hu dovut. Is-SE qal li din kienet inkluża bħala parti mil-kundizzjonijiet li ma jinħarġux permessi ġodda jekk ikun għad hemm bilanċi pendenti.

## 73.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

73.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm informazzjoni rigward meta ser titlesta il-funtana tal-iljun. Is-Sindku qal li ma kienx hemm informazzjoni oħra imma wieħed irid jara peress li kien inbidel il-ministru.

73.4.1.1. Is-SE qal li kien qed jinnota li ta' spiss ikun hemm nies jaħdmu.

73.4.1.2. Il-Kunsillier JAE talab li ssir pressjoni sabiex ix-xogħol ikun lest sat-300 sena anniversarju.

73.4.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-sitwazzjoni tas-subways u ppropona li tintalab laqgħa ma' Transport Malta rigward iż-żamma tagħhom. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-Cleansing Department rigward l-indafa u l-manutenzjoni u sabiex jara x'jista' jsir biex is-sitwazzjoni titjieb.

**Nota: 18:28 il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

73.4.2.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk il-loġoġ humiex jitnaddfu b'mod regolari. Is-Sindku qal li ħafna drabi filgħodu jkunu nodfa.

73.4.2.2. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Cleansing Department sabiex jara x'jista' jsir.

73.4.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-festa liturġika u qal li għad hemm armat l-armar tal-Milied. Is-SE qal li l-kuntrattur għandu jixgħel fustun għall-festa liturġika. Il-Kunsill JAE talab li l-Kunsill ifakkar lill-kuntrattur peress li l-festa liturġika kienet il-ġimgħa ta' wara.

73.4.4. Il-Kunsilliera JP qalet li hemm bżonn issir sleeping policeman quddiem il-librerija. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li japplika għal sleeping policeman fi Triq JJ Mangion.

73.4.5. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi risposta dwar it-tabelli tal-pjazez. Is-SE qal li t-tabelli kienu waslu u għandhom jibdew jitwaħħlu dalwaqt.

## 73.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

73.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 73.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

73.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 56/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

73.6.1.1. Is-SE ġibed l-attenzjoni għal wieħed mil-pagamenti dovut lil J Properties. Huwa qal li l-maġġor parti tax-xogħolijiet kienu lesti u għalhekk il-kuntrattur kien ser jitħallas il-50% bilanċ li fadal wara li kien diġà ġie mogħti depożitu s-sena l-oħra. Huwa kompla li mbagħad ikun jifdal pagament ieħor għal xi xogħol li għadu ma tlestiex. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

73.6.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 73.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-3 u r-4 Kwart tas-Sena 2023

73.7.1. Is-SE informa li r-rapport finanzjarju tar-raba' kwart u l-baġit kienu għadhom mhux lesti u għalhekk seta' jiġi approvat biss ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart.

73.7.2. Il-Kunsill approva ir-rapport tat-tielet kwart.

## 73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Performance Appraisals tal-Impjegati

73.8.1. Il-Kunsill iddiskuta l performance appraisals tal-impjegati tal-kunsill u qabel fuq il-persentaġġ li għandu jingħata lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-istaff amministrattiv.

## 73.9 Attivitajiet 300 Sena mit-Twelid tal-Floriana

73.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien ġie ppublikat il-programm kemm fuq il-Facebook kif ukoll fuq il-websajt tal-Kunsill.

73.9.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni fuq x'se jsir matul il-Karnival. Is-SE spjega li kien f'komunikat mal-organizzaturi fejn jinsab infurmat li kollox kien ser ikun bħas-soltu. Huwa qal li kien tkellem miegħu ukoll dwar xi problemi li nqalgħu is-sena l-oħra u l-mod kif għandhom jiġu mitigati.

73.9.2.1. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li jkun hemm uffiċċjal tas-sigurtà matul il-lejl mal-karrijiet, sabiex il-Kunsill iħares ukoll l-interessi tar-residenti.

73.9.3. Is-Sindku qal li kienu diġà saru żewġ attivitajiet għall-okkażjoni tat-300 sena anniversarju inkluż il-kunċert u ż-żjara fl-Imdina/Rabat fejn mir-rispons jidher li ż-żewġ attivitajiet kienu ta' suċċess.

73.9.4. Is-Sindku fakkar fil-fond tar-Reġjun li jista' jintuża għar-rimbors tas-servizzi tal-Pulizija.

## 73.10 Ġieħ il-Floriana

73.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ppropona li l-Kunsill jibda' jaħseb għall-Ġieħ il-Floriana.

73.10.2. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ il-formoli għan-nominazzjonijiet.

## 73.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

73.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-19:10 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2024 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis 15 ta' Frar 2024**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Vincent Borg | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |